MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 257/2003

**Lorraine Abela Wilson**

**vs**

**Franklin Abela Wilson**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha (9) ta' Jannar tas-sena 1999 u minn dan iz-zwieg twieled tifel Quelin li ghandu erba' (4) snin;

Illi f'dawn l-ahhar snin ir-relazzjoni konjugali bejn il-kontendenti konjugi ddeterjorat sostanzjalment u dan minhabba ragunijiet legalment validi fosthom l-adulterju *da parte* tal-atturi *(corregge: konvenut)*, minacci, eccessi,

theddid, inkompatibbilta’ ta’ karattru u ragunijiet ohra legalment fondati li jaghtu lok ghall-proceduri ta’ separazzjoni personali.

Illi b’digriet tal-Qorti tas-Sekond’ Awla l-attur *(corregge: il-konvenut)* gie ordnat ihallas lil ibnu terz tal-paga tieghu meta jahdem u meta ma jahdimx terz tal-assistenza socjali;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet illi z-zwieg bejn il-konjugi Abela Wilson tkisser minhabba minacci, eccessi, mohqrija, theddid, adulterju, swat, eccessi u minhabba li l-hajja flimkien m’ghadhiex aktar possibbli u ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment liema ragunijiet huma mputabbli lill-konvenut kif fuq fisser;

2. Illi din il-Qorti ghandha tiddikjara wkoll illi l-konvenut huwa hati tal-firda ghall-wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-Kodici Civili u ghalhekk ghandu jitlef a bazi tal-istess Kodici Civili l-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 kif ukoll dak kollu li jkun kiseb mill-parti b’donazzjoni bi hsieb taz-zwieg; jew waqt zwieg, jew taht titolu iehor gratwitu; kif ukoll kull jedd ta’ parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti l-ohra ghandha tkun kunsidrata li minnha jkun hati tal-firda u ghalhekk tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan billi tapplika dawn is-sanzjonijiet tal-Ligi kontra l-istess konvenut;

3. Tiffissa retta alimentari u l-modulitajiet tal-hlas tal-istess, favur l-attrici u favur il-minuri;

4. Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Quelin tigi fdata esklussivament f’idejn l-attrici;

5. Tinnomina Nutar biex jippubblika l-att opportun u kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumacja.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-attrici datata 23 ta’ Mejju 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbal tas-17 ta’ Gunju 2003 fejn Dr. Martin Fenech ghall-attrici ddikjara li m’ghandux provi izjed; li m’hemm xejn fil-komunjoni; li ma jafx illum il-konvenut ghandux impjieg jew xi forma ohra ta’ ntrojtu, u li d-dar matrimonjali kienet inbieghet. Il-kawza giet differita ghall-lum 26 ta’ Gunju 2003 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat li minkejja li gie debitament notifikat il-konvenut baqa’ ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Lorraine Abela Wilson** permezz tal-affidavit taghha sostniet illi:-

*“Kelli (16) sittax-il sena meta bdejt nohrog ma' Franklin u wara li konna ilna xi erba’ (4) snin nohorgu flimkien jien hrigt ‘pregnant’. Fil-25 ta' Settembru 1998, twieled Quelin li issa ghandu erba’ (4) snin u wara tliet (3) xhur li twieled, jigifieri fid-9 ta' Jannar 1999 izzewigna. Morna noqoghdu mal-genituri tieghi ghax ma kellniex post. Kien xi sena wara meta xtrajna ‘flat’, ‘shell’ go M'Scala. Wara xi sentejn Ii konna zzewwigna beda l-glied bejnietna. Konna nahdmu flimkien, fl-istess fabbrika, imma Franklin ma tantx kien*

*jirsisti ghax-xoghol u kien jiehu hafna 'sick leave' ghalxejn. Jien ma kontx niehu pjacir u meta kont nigbidlu l-attenzjoni, jew ma kienx jaghti kasi jew inkella niggieldu u jaqbad u jitlaq. Kien qabad vizzju li kwazi kuljum kien ikun irid jghaddi hin l-Isla f'xi 'pub' mal-hbieb. Ghalkemm kont nghidlu li ma nihux gost u xtaqtu jghaddi aktar hin mal-familja xorta wahda baqa' sejjer hekk. Mhux talli hekk talli kien bidel ix-'shift' biex zgur ikun jista' jinzel l-Isla fil-ghaxija. Sakemm kont inkun xoghol flok kien joqghod bit-tifel kien imur l-Isla u ghalhekk it-tifel kien jispicca dejjem ma' ommi, meta Franklin seta' facilment jiehu hsiebu peress li x-'shifts' kienu differenti. Hemm kompla jikber il-glied ghax meta kien jigi lura kien isib lili bil-geddum nistennih. Meta kont nipprova nkellmu flok kien jaghtini ragun jew jipprova johloq kompromess, jew ma kienx jaghti kasi, jew inkella jaqbad u jigbor hwejgu u jitlaq ghand ommu. Din grat kemm-il darba u kull meta talabni biex jerga' lura dejjem hfirtlu u gie lura. Darba minnhom kien qalli li forsi jinqala' hafna glied bejnietna ghax qatt ma konna nghixu f'dar ghal rasna. Ghalhekk rajt kif ghamilt u krejt 'flat' ghal xahar, imma sfortunatament gimgha ghamilna fih ghax rega' telaq u jien ergajt mort lura ghand ommi bit-tifel. Ghadda z-zmien u rega' gie biex nahfirlu u jweghdni li se jinbidel. Rajna kif ghamilna u morna noqghodu fil-'flat' taghna. M'ghamilniex aktar minn xahar u nofs ghax rega' beda l-glied minhabba l-flus ghax konna qeghdin hazin hafna finanzjarjament. Franklin ma kienx baqa' jahdem mieghi ghax ma kienx beza' ghal 'job'. Wara kellu 'job' iehor bi ftit paga u meta kont nghidlu biex imur jahdem 'part-time' ma kienx jaccetta. Rega' beda l-glied u nfridna u tlaqna minn hemm. Hu mar ghand ommu u jien ghand ommi. Sakemm ma konniex inkunu flimkien, Franklin qatt ma tani manteniment. Il-'flat' inbiegh lil terzi u kulhadd ha s-sehem tieghu. Issa ma baqghax aktar x'jinqasam.*

*It-tifel qieghed jarah kull nhar ta' Erbgha bejn l-4:00 p.m. u s-6:00 p.m. u nhar ta' Sibt mid-9:00 a.m. sas-1:00 p.m. Kien hemm digriet tas-Sekond' Awla, fejn ordna illi meta jahdem Franklin ghandu jaghti manteniment ta' kwart mill-paga u terz mir-'relief' meta ma jahdimx.*

*Qsamna kollox u ma baqghalna xejn flimkien".*

## <u>(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi din hija kawza ta' separazzjoni fejn l-attrici qed tallega li l-konvenut kien hati fil-konfront taghha ta' minacci, eccessi, mohqrija, theddid, adulterju u swat fost affarijiet ohra, u mill-provi prodotti senjatament mill-affidavit attrici fuq riportat jirrizulta li l-konvenut kien hati *verso* l-istess attrici ta' eccessi, minacci u mohqrija, u dan peress li jidher li qatt ma ta' kas mir-responsabbilta` tieghu ta' ragel ta' l-attrici u lanqas ta' ibnu, tant li l-hajja tieghu fil-maggiorparti taghha kienet koncentrata li jghix mal-hbieb u meta jfettillu jitlaq mid-dar matrimonjali.

Illi dan l-atteggjament tal-konvenut ikkomprometta ghall-kollox iz-zwieg bejn il-kontendenti u ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet hawn indikati, imputabbli lill-konvenut. F'dan il-kuntest jinghad li l-adulterju u swat partikolarment ma rrizultawx mix-xhieda prodotta mill-attrici.

Illi dwar it-tieni talba attrici din ghandha tigi milqugha bl-applikazzjoni tal-**artikolu 48, 51 u 52 tal-Kap 16** u ghall-iskop tal-**artikolu 48 (1) (c)** tal-istess Kap jigi dikjarat illi r-raguni tal-firda ilha tezisti mid-data li nbdew il-proceduri fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili mill-attrici.

Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti din ghandha tigi dikjarata xolta u peress li l-partijiet diga' qasmu w iddividew l-oggetti formanti parti mill-komunjoni nkluzi l-proprjeta` mmobbli m'hemm xejn x'jigi likwidat u diviz mill-istess.

Illi ghalkemm l-attrici jidher li ghandha dritt li tigi mantnuta mill-konvenut, kemm-il darba hija m'ghandiex jew ma jkollhiex introjtu sufficjenti sabiex tmantni lilha nfisha, mill-provi prodotti ma jirrizultax li tali ammont ta' manteniment jista' jigi likwidat *stante* li l-konvenut m'ghandu l-ebda ntrojtu jew ahjar ma ngabet l-ebda prova dwar xi ntrojtu li seta' ghandu l-konvenut. L-istess japplika fil-kuntest ta' manteniment tal-minuri Quelin.

Illi dwar ir-raba’ talba l-kura u l-kustodja tal-minuri Quelin ghandha tigi fdata f’idejn l-attrici bi dritt t’access lill-konvenut kull nhar t’Erbgha bejn l-4:00 p.m. u s-6:00 p.m u kull nhar ta’ Sibt bejn id-9:00 a.m. u s-1:00 pm, b’dan li l-minuri ghandu jittiehed u jingieb lura mill-konvenut mir-residenza tal-attrici.

Illi l-Qorti tichad il-hames talba *stante* li m’hemmx lokha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, u filwaqt li tichad il-hames (5) talba attrici, **tilqa’ t-talbiet attrici** l-ohra biss fis-sens hawn deciz, b’dan illi:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet *stante* illi z-zwieg bejn il-konjugi Abela Wilson tkisser minhabba minacci, eccessi u mohqrija prattikati mill-konvenut fil-konfront tal-attrici b’dan li minhabba l-istess atti maghmulha mill-konvenut li l-hajja flimkien m’ghadhiex aktar possibbli w iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

2. Tiddikjara wkoll illi l-konvenut huwa hati tal-firda ghar-ragunijiet fuq indikati u tapplika kontra tieghu d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48** bl-applikazzjoni tal-**artikolu 51 u 52 tal-Kap 16**, inkluz li l-istess konvenut jitlef il-jeddijiet fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 kif ukoll dak kollu li jkun kisbet mill-parti b’donazzjoni bi hsieb taz-zwieg; jew waqt zwieg, jew taht titolu iehor gratwitu; kif ukoll kull jedd ta’ parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti u dan b’effett meta nbdew il-proceduri fis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili mill-attrici, liema data ghandha tigi kkonsidrata li l-konvenut ta ragunijiet ghall-firda personali.

Illi l-Qorti tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b’dan pero` li jigi dikjarat li m’hemm xejn x’jigi likwidat u diviz fl-istess komunjoni, *stante* li l-partijiet diga’ hadu dak li kien mess lilhom u dan bonarjament.

3. Illi filwaqt li jigi dikjarat li kemm l-attrici u l-minuri ghandhom id-dritt li jigu mantnuti mill-konvenut, peress li mill-provi jirrizulta li llum-il gurnata l-konvenut m’ghandu l-ebda ntrojtu mela allura tali manteniment ghall-istess attrici u minuri ma jistax jigi likwidat, u dan salv kull dritt ta’ l-attrici f’isimha proprju u f’isem il-minuri li tressaq tali talba fil-futur jekk ic-cirkostanzi u l-ligi jippermettu.

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Quelin tigi fdata esklussivament f’idejn l-attrici bi dritt t’access favur il-konvenut nhar t’Erbgha bejn l-4:00 p.m. u s-6:00 p.m. u kull nhar ta’ Sibt bejn id-9:00 a.m. u s-1:00 p.m., b’dan li l-minuri ghandu jittiehed u jingieb lura mill-konvenut mir-residenza tal-attrici.

5. Tichad il-hames talba sabiex tinnomina Nutar biex jippubblika l-att opportun u kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumacja *stante* li m’hemmx bzonnhom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------